MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 79/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Sammut)**
**Vs**
**Jeffrey Farrugia**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 t'Awissu, 2004 u/jew fil-granet ta' qabel bi ksur tal-artikolu 43(1)(a) ta' l-Att ta' 1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjagar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitolu 409, mexxa jew opera attivita' turistika "Bocconcino Restaurant", 48, Main Street, St. Julians, minghajr ma kellu licenzja mahruga ghalhekk mill-Awtorita'.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Marzu, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 2, 43(1)(a) tal-Kapitolu 409 u l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500), u ordnat ghalhekk li l-istess imputat u fond ikunu skwalifikati mill-licenzja ghal perjodu ta’ tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati w ikkundannatu ghal hlas ta’ hames mitt lira (LM500) multa w skwalifikatu mill-licenzja ghal perjodu ta’ tlett (3) xhur konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor huwa s-segwenti w cioe :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u interpretazzjoni hazina tal-ligi, ghax il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li turi li hemm ness bejn l-appellant u l-istabiliment Bocconcino Restaurant , 48, Main Street, San Giljan u ghalhekk l-Ewwel Qorti jmissha waslet ghal decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha, ghaliex jekk kien hemm l-icken dubju dwar il-htija o meno, dan kellu jmur favur l-imputat.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tad-9 ta’ Gunju, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ix-xhieda li nstemghu minn din il-Qorti f’ din il-kawza jistghu jigu ri-assunti kif gej :-**

ANDREA ZAMMIT**, Senior Executive fl-Enforcement Directorate tal-Malta Tourism Authority, xehed li kienu qed jinvestigaw stabbiliment tal-ikel bl-isem Bocconcino go Main Street, San Giljan , peress li kien qed jidher minghajr licenzja. Kienu jafu li kien hemm applikazzjoni ghall-licenzja li kienet ilha pendenti ghal xi tlitt snin u marru biex jaraw ghala din l-applikazzjoni ma kienetx qed tigi segwita meta fl-istess hin l-istabiliment kien qed jopera ghall-pubbliku. L-ewwel darba li kienu marru kienu sabu hemm lil certu Louis Pace li kien qalilhom li kellu x' jaqsam ma l-appellant Farrugia u li kien qed ihallsu l-kera. L-unika applikazzjoni li kien hemm *pending* kienet fuq l-appellant. Meta kellmu lill-appellant dan ammetta li kellu l-application pendenti. Il-ligi ma tippermettix li wiehed jahdem bla licenzja u d-Dipartiment dan ma jittollerahx anki fejn ikun hemm applikazzjoni pendenti.**

**In kontro-ezami x-xhud qal li meta kienu marru l-ewwel darba kienu sabu lil Louis Pace li kien qed jopera w talbuh il-licenzja w l-hin kien bejn nofsinhar u s-siegha ta' wara nofsinhar. Umbaghad l-istabiliment kien ghalaq ghal xi zmien biex isir xi *refurbishment* u meta regghu marru kienu sabu lil certu Tony Catania. Dak in-nhar gol-istabiliment kien hemm xi customers u l-appellant Farrugia kien barra quddiem l-istabiliment u Catania kien ghajjatlu biex jidhol u qallu li kien hemm tal-MTA. L-appellant kien magemb il-bieb u dam kwistjoni ta' minuti biex dahal . Catania kien qalilhom ukoll li kien l-appellant li kellu x' jaqsam ma dawn l-affarijiet u li hu kien bil-kera hemm. Dan kien fil-25 t' Awwissu, 2004.**

In ri-ezami ix-xhud qal li wara din id-data l-appellant kien ceda l-applikazzjoni w saret applikazzjoni fuq Catania w li l-hanut gie licenzjat fuq Catania xi xahar qabel kien qed jixhed. Fl-applikazzjoni l-gdida gew uzati d-dokumenti li kien hemm fl-applikazzjoni tal-appellant.

**HERBERT VELLA,** Senior Executive iehor mall-Awtorita' tat-Turizmu, xehed li fil-25 t' Awwissu, 2004, hu w x-xhud

precedenti kienu marru il-Bocconcino u staqsew ghall-appellant. L-istabilimenbt kien miftuh ghax-xoghol u kien qed joperah certu Anthony Catania. L-appellant inzerta fil-vicinanzi w gie wara xi hames, ghaxar minuti ghax xi hadd mar jghajjatlu minn x'imkien iehor. Ix-xhud precedenti kellem lill-appellant u kien infurmah li l-Awtorita' tat-Turizmu kienet ser tiehu passi kontra tieghu peress li kien ghad ma kienx hemm permess biex jopera. Hu kellu applikazzjoni pendent u li kien ilu jipprova jgib il-licenzja mis-sena 2000. Huma kienu marru hemm diversi drabi u lill-appellant ma kienux sabuh hemm u dak in-nhar kien semmielhom li ma kienx qed ikun hemm.

**LOUISA TUFIGNO** addetta mall-Awtorita' tat-Turizmu, xehdet li llum inharget licenzja fuq il-Bocconcino Snack Bar f' isem Anna Catania. Din iggib id-data tad-19 t' April, 2005, wara li kienet saret applikazzjoni fit-18 ta' Novembru, 2004. Qabel ma kienx hemm permess. Kien hemm biss applikazzjoni fuq isem l-appellant li kienet ilha pendenti mit-3 ta' Settembru tas-sena 2000, u din qatt ma kienet giet approvata ghax kien jonqos xi dokumenti. Kienet saret applikazzjoni gdida f' isem Catania.

Ikkonsidrat;

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-appellant li hu sid il-fond fejn hemm il-Bocconcino kien ghamel applikazzjoni biex l-istabiliment jigi licenzjat mall-Awtorita' Maltija tat-Turizmu fit-3 ta' Settembru, 2000, izda din qatt ma kienet giet approvata. Cio' nonostante, meta saret *inspection* mix-xhieda Vella w Zammit fil-25 t' Awwissu, 2004, l-istabiliment kien miftuh ghax-xoghol u kien hemm anki xi klienti go fih. Gol-post kien hemm certu Anthony Catania li meta kellmuh dawn iz-zewg xhieda, sejjah lill-appellant li kien fil-vicinanzi w dan gie u kellem lil Vella u Zammit. Il-licenzja finalment inharget fid-19 t' April, 2005 fuq applikazzjoni gdida li saret minn Anna Catania f' Novembru 2004.

Ikkonsidrat;

Illi skond l-artikolu 43 (1)(a) tal-Kap. 409, kull min, minghajr ma jkollu licenzja, imexxi xi attivita' turistika (li fid-"*definition clause*" , artikolu 2 tal-istess ligi , tinkludi "*inter alia*" stabiliment li jipprovdi l-ikel) **jew jippermetti li xi attivita' turistika titmexxa minn jew fi proprjeta' li taghha jkun is-sid jew komproprjetarju** jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attivita' li kieku kellu licenzja valida, jkun hati ta' reat u ghandu meta jinstab hati jehel multa ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira.

Illi fic-cirkostanzi mill-investigazzjoni monka li jirrizulta li saret mill-addetti tal-Awtorita' tat-Turizmu ma jirrizultax pruvat li l-appellant personalment kien qed imexxi l-istabiliment tal-ikel in kwistjoni, pero' indubbjament jirrizulta li hu kien qed jippermetti li dan l-istabiliment jigi operat minghajr ma kellu licenzja. Ma hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-post kien qed jigi operat ghax kien proprju fl-agwati meta saret l-ispezzjoni fil-25 t' Awwissu, 2004 u gie fuq il-post meta ghajjtulu wara xi ftit minuti. Ma hemmx dubju ukoll li hu kien jaf li l-applikazzjoni tieghu ghall-licenzja sa dak iz-zmien kien ghadha ma gietx approvata.

Pero' meta l-prosekuzzjoni rredigiet ic-citazzjoni jew komparixxi ma xlietx lill-appellant bil-fatt li hu kien ippermetta li titmexxa xi attivita' turistika minn jew fi proprjeta' tieghu , bhala sid jew komproprjetarju, flok jew, ghall-inqas, alternattivament ghall-akkuza li hu stess kien opera, kif seta' jsir w jmissu sar skond l-artikolu 43 (1) (a) fuq citat. Imma llimitat ruha ghall-kaz li kien qed jopera hu stess, li kif intqal ma jirrizultax.

Ghalhekk l-appell jidher wiehed fondat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull akkuza w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------